C/2024/5672

19.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11279 – CTS EVENTIM / FNAC DARTY / FRANCE BILLET)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5672)

1. Fl-10 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CTS Eventim AG & Co. KGaA ("CTS Eventim", il-Ġermanja),

— FNAC Darty Participations et Services SA ("Fnac Darty Participations et Services", Franza), proprjetà ta' Fnac Darty SA ("Fnac Darty", Franza), il-ġenitur aħħari tal-grupp Fnac Darty,

— France Billet SAS ("France Billet", Franza), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata biss minn Fnac Darty.

CTS Eventim u Fnac Darty se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' France Billet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— CTS Eventim hija attiva fis-setturi tal-ħruġ tal-biljetti u tad-divertiment dirett fl-Ewropa,

— Fnac Darty huwa bejjiegħ bl-imnut Ewropew ta' oġġetti kulturali u ta' divertiment, elettronika tal-konsumatur u apparat domestiku.

— France Billet hija attiva fis-suq tal-biljetti prinċipalment fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11279 – CTS EVENTIM / FNAC DARTY / FRANCE BILLET

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").